VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,525, 22 ta' Jannar, 2016
Taqsima B

A.L. 33 tal-2016

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Regolamenti tal-2016 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Tismija ta' Toroq)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bis-saħħa tal-artikolu 72(1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Ministru għal Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, b'konsultazzjoni mal-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Tismija ta' Toroq) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jifthiemu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Tismija ta' Toroq), hawn aktar 'il quddiem msejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 363.10

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "l-Kunsill Lokali ta' dik il-lokalità jissottometti r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Ministru responsabbli għall-Infrastruttura" għandhom jidħlu l-kliem "l-Kunsill Lokali ta' dik il-lokalità jissottometti r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Ministru responsabbli għall-Uffiċċju Elettorali".